

DEĊIŻJONIJIET

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2017/288

tas-17 ta' Frar 2017

li temenda d-Deċiżjoni 2011/101/PESK dwar miżuri restrittivi kontra ż-Żimbabwe

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 29 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

- (1) Fil-15 ta' Frar 2011, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni 2011/101/PESK dwar miżuri restrittivi kontra ż-Żimbabwe ⁽¹⁾.
- (2) Jenħtieġ li tiġi inkluża deroga mill-projbizzjoni fuq il-bejgħ, il-forniment, it-trasferiment jew l-esportazzjoni ta' tagħmir li jista' jintuża għal repressjoni interna biex ikunu jistgħu jsiru l-bejgħ, il-forniment, it-trasferiment jew l-esportazzjoni ta' ċerti oġġetti li huma esklużivament għall-użu minn persuni ċivili fi proġetti ta' tħaffir ta' minjieri jew fi proġetti ta' infrastruttura.
- (3) Il-Kunsill wettaq reviżjoni tad-Deċiżjoni 2011/101/PESK, b'kont meħud tal-iżviluppi politiċi fiż-Żimbabwe.
- (4) Jenħtieġ li l-miżuri restrittivi kontra ż-Żimbabwe jiġu estiżi sal-20 ta' Frar 2018.
- (5) Jenħtieġ li l-miżuri restrittivi jinżammu għas-seba' persuni u l-entità elenkati fl-Anness I għad-Deċiżjoni 2011/101/PESK. Is-sospensjoni tal-miżuri restrittivi jenħtieġ li tiġġedded għall-ħames persuni elenkati fl-Anness II għad-Deċiżjoni 2011/101/PESK.
- (6) Għalhekk jenħtieġ li d-Deċiżjoni 2011/101/PESK tiġi emendata skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Id-Deċiżjoni 2011/101/PESK hija emendata kif ġej:

- (1) Fl-Artikolu 3 jiżdied il-paragrafu li ġej:

“3. L-Artikolu 2 ma għandux japplika għall-bejgħ, il-forniment, it-trasferiment jew l-esportazzjoni ta' ċertu tagħmir li jista' jintuża għal repressjoni interna jekk it-tagħmir jintuża esklużivament minn persuni ċivili fi proġetti ta' tħaffir ta' minjieri jew fi proġetti ta' infrastruttura, soġġett għal awtorizzazzjoni skont il-każ mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru li qed jesporta.”;

- (2) L-Artikolu 10 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“Artikolu 10

1. Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.
2. Din id-Deċiżjoni għandha tapplika sal-20 ta' Frar 2018.

⁽¹⁾ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2011/101/PESK tal-15 ta' Frar 2011 dwar miżuri restrittivi kontra ż-Żimbabwe (ĠU L 42, 16.2.2011, p. 6).

3. Il-miżuri msemija fl-Artikolu 4(1) u l-Artikolu 5(1) u (2), sa fejn dawn japplikaw għal persuni elenkati fl-Anness II, għandhom jiġu sospiżi sal-20 ta' Frar 2018.

4. Din id-Deċiżjoni għandha tinżamm taħt rieżami kostanti u għandha tiġġedded, jew tiġi emendata kif adatt, jekk il-Kunsill iqis li l-oġġettivi tagħha ma ntlaħqux.”.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, is-17 ta' Frar 2017.

Għall-Kunsill

Il-President

E. BARTOLO
